REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 403/2014

tat-22 ta' April 2014

li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni mill-1 sas-7 ta' April 2014 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għat-tali liċenzji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwantitajiet li jkopru l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa lill-awtoritajiet kompetenti mill-1 sas-7 ta' April 2014 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 170/2013 tal-25 ta' Frar 2013 li jistipula miżuri ta' tranżizzjoni fis-settur taz-zokkor minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja ([4]), jaqbżu l-kwantità disponibbli skont is-serje li ġġib in-numru 09.4321.

(2) Għalhekk, għandu jiġi ffissat koeffiċjent tal-allokazzjoni għal-liċenzji li għandhom jinħarġu fir-rigward tas-serje li ġġib in-numru 09.4321 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji għal dawk in-numri tas-serje għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq, skont ir-Regolament (KE) Nru 891/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwantitajiet li għalihom tressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mill-1 sas-7 ta' April 2014 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 u skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 170/2013 għandhom jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjenti tal-allokazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji, li jikkorrispondu man-numri tas-serje mogħtija fl-Anness, għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq 2013/2014.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82.
([4]) ĠU L 55, 27.2.2013, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' April 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNESS

Il-konċessjonijiet taz-zokkor tal-iskeda bin-numru CXL

Is-sena tas-suq 2013/2014

Applikazzjonijiet li tressqu mill-1 sas-7 ta' April 2014

In-numru tas-serje	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4317	L-Awstralja	—	Sospiżi
09.4318	Il-Brażil	—	
09.4319	Il-Kuba	—	Sospiżi
09.4320	Kwalunkwe pajjiż terz	—	Sospiżi
09.4321	L-Indja	15,8701	Sospiżi

Iz-zokkor mill-Balkani

Is-sena tas-suq 2013/2014

Applikazzjonijiet li tressqu mill-1 sas-7 ta' April 2014

In-numru tas-serje	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4324	L-Albanija	—	
09.4325	Il-Bożnija u Ħerzegovina	(1)	
09.4326	Is-Serbja	(1)	
09.4327	Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	—	

Il-miżuri ta' tranżizzjoni, iz-zokkor għall-importazzjoni eċċezzjonali u dak għall-importazzjoni industrijali

Is-sena tas-suq 2013/2014

Applikazzjonijiet li tressqu mill-1 sas-7 ta' April 2014

In-numru tas-serje	It-tip	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f'perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4367	Tranżizzjonali (il-Kroazja)	—	Sospiżi
09.4380	Eċċezzjonali	—	
09.4390	Industrijali	—	

—: Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

(1) Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet ma jaqbżux il-kwantitajiet disponibbli u qed jingħataw kollha.